MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

IT-TMIN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 59

26 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Victor Galea – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal *online* jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

59.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellhiex ittri t'apoloġiji ħlief tas-Sur Victor Galea li kien jinsab imsiefer.

## 59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

59.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 59 ġew approvati.

## 59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

59.3.1 ***Uffiċċini tal-Kunsill***

Is-Sur Cordina qal li ix-xogħol fuq l-Uffiċċini l-ġodda tal-Kunsill għaddej u qed isir it-tħaffir t-taraġ u l-bokka tal-lift. Bħala xogħol fuq ġewwa qal li tlesta l-kisi u tibjid imma jonqos it-tieni passata. Bħala dwal dawn ġew ordnati wkoll imma se jintużaw dawk li kienu nxtraw għall-uffiċċini mikrija. Is-Sur Cordina kompla jgħid li bħala xogħol miexi imma mhux kuntent sa barra. Qed jaħseb li se jkunu jistgħu jidħlu sal-aħħar ta' Mejju.

L-Avukat Caruana daħlet f'dan il-mument 5.33pm

59.3.2 ***Ġnien l-iStazzjon***

Is-Sur Cordina qal kellha ssir projbizzjoni sabiex il-kuntrattur ma jidħolx fis-sit minħabba li ma kienx ħallas il-garanzija bankarja. Dan wara li hu skopra li x-xogħol baqa' għaddej kemm is-Sibt kif ukoll il-Ħadd. Kien għalhekk li mar fuq il-post ġibed xi ritratti u bagħathom minnufih lill-Perit sabiex dan jieħu azzjoni billi jwaqqfu jidħol fis-sit. Barra minn hekk fl-imejl bagħatlu li se jżomm responsabbli għal kull ħsara jew vendikazzjonijiet. Kompla jgħid li sal-Ġimgħa din is-sitwazzjoni għandha tiġi solvuta.

Il-Perit Schembri daħal f'dan il-mument 5.34pm

59.3.3 ***Laqgħa ta' Reġjun***

Is-Sur Cordina qal li din tħassret minħabba nuqqas ta' kworum u li min-naħa tiegħu kien ikkonferma l-attendenza. Hu qal li minħabba f'hekk ma setax jesprimi diżappunt fuq il-ġbir ta' skart u għalkemm ta parir biex il-ħġieġ jerġa' jibda jinġabar il-Ħamis mar-riċiklaġġ xorta ir-Reġjun baqa' jinsisti li ssir ġabra extra bi spejjeż żejda għall-kunsill. Ta min jgħid ukoll li dan

kollu ġej minn direttiva mid-Dipartiment. Ir-reġjun fil-fatt se jkollu joħroġ a spejjeż tal-Kunsilli €130,000.

Is-Sur Bonnici qal din qed tiġri biss fir-Reġjun tagħna għax lokalitajiet oħra qed jiġbrilhom kollox. Is-Sur Cordina qal li l-kuntratturi mhumiex kollha l-istess u l-kuntrattur tar-Reġjun Tramuntana għandu speċifikament miktub li ma jistax jiġbor kartun mal-ħġieġ.

59.3.4 Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ

Is-Sur Cordina qal l-attività se ssir fit-13 ta' Mejju u l-Kunsill reġa' ħa ħsieb il-loġistika fejn jidħlu Pulizija, Gwardjani Lokali u *portable toilets*. Se jżomm lill-Kunsill informat iktar żviluppi u ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jattendu.

59.3.5 *Ġemellaġġ Pieve Emanuele*

Is-Sur Cordina kien informa lill-Kunsill li kellu jkun Milan fuq safra personali u li kien għamel kuntatt mas-Sindku ta' Pieve Emanuele sabiex waqt din il-mawra privata iżur lis-Sindku. Hu ġie milqugħ tajjeb u wrew ix-xewqa li jiġi riattivat il-ġemellaġġ. Se jsir *meeting* onlajn u jimxu minn hemmhekk.

59.3.6 *Triq Tumas Chetcuti*

Is-Sur Cordina qal li wara li saret il-laqgħa mal-ministru Aaron Farrugia. L-ispokesmen tal-ministeru qal li għadhom għaddejjin it-taħditiet ma' Trasport Malta u Infrastructure Malta.

59.3.7 *Team Building Event*

Is-Sur Cordina qal li kien qed jitkellem mal-istaff tal-Kunsill u dawn ħarġu bl-idea li jsir building event. Din l-idea f' qed issir f' bosta lokalitajiet u anke fir-reġjun saħansitra anke l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali torganizza tali attivitajiet. Qal li għall-ewwel ħadhom biċ-ċajt imma wara li ddiskuta magħhom propona li jressaq din it-talba lill-Kunsill u jekk jaċċettaw tiġi vvotata s-somma ta' €250. L-Avukat Caruana fil-fatt proponiet il-Kunsilliera ikunu inklużi minħabba li qas bħala networking hi personalment ma tantx tafhom il-ġodda. Kulħadd qabel li jmorru l-Kunsill kollu u li fil-każ jiżdied il-baġit. Is-Sur Bonnici qal li fil-każ immorru f'post bħal l-Ġgantija imma l-Avukat Caruana qalet li l-iskop tat-team building huwa li jmorru f'postijiet differenti mis-soltu u li jkollhom okkażjoni biex jiltaqgħu u jsiru jafu lil xulxin iktar. Kulħadd qabel.

## 59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

59.4.1 L-Avukat Silvio Brincat

- Irrimarka li kellmuh bosta nies fuq l-istat tat-Triq Victor Vassallo li hu diżastruż. Qal li kien hemm min ilmenta fuq ħsarat fil-karozzi u jekk jistax il-Kunsill jara li din tiġi rranġata għax f'diversi partijiet hemm ħafna ħofor li jistgħu jiġu rranġati temporanjament. Is-Sur Cordina qal skont minn fejn tidħol vera hemm bosta ħofor u li kienet inġabet kwotazzjoni sabiex tiġi rranġata. Hu kompla jgħid illi fil-fatt l-uffiċċju

wkoll jirċievi bosta lmenti imma l-pożittiv hu li għalkemm din it-triq fiha bosta problemi qiegħda fil-ħsibijiet tal-Infrastructure Malta sabiex issir mill-ġdid. Bħalissa qed issir Triq il-Linja u għalhekk is-Sur Cordina talab lill-Infrastructure Malta sabiex li t-tarmak li jibqa' żejjed jintefa' fi Triq Victor Vassallo sabiex tiġi rrappazzata t-triq. Ma kienx hemm oġġezzjoni min-naħa ta' IM.

59.4.2 Sur Remigio Bartolo

- Qal li żmien ilu kienu avviċinawh NGO Grow Ten Trees biex jinżergħu xi siġar, jingħataw miżata li bihom jerġgħu jixtru iktar siġar u dejjem immexxu hekk. Huma jagħmlu ħafna xogħol ma' diversi Kunsilli Lokali. Għalhekk se jsir dan iż-żriegħ fit-28 ta' Mejju fid-9.30 ta' filgħodu f'Masġar Pierre Muscat. Dakinhar huma jiġu jippreparaw il-ħofor xi siegħa qabel u l-ġardinar imbagħad kemm isaqqi u jieħu ħsiebhom. Jekk ikun hemm xi tfal ituhom anka opportunità li jiżirgħu huma. Dawn is-siġar mhux kbar ħafna u se jinżergħu anka xi arbuxelli.

59.4.3 Perit Giorgio Schembri

- Irrimarka fuq diversi laqgħat li saru bħal tal-iSlow Streets, Master Plan tal-Widien, mal-Ministeru ta' l-Onorevoli Miriam Dalli rigward x'jista' jibbenefika Ħ'Attard minn spazji miftuħa, ma' Infrastructure Malta u saqsa jekk hux qed ikun hemm follow up bħal per eżempju fuq ix-xogħol li bħalissa qed isir minn IM fi Triq il-Linja Misraħ Kola, Ta' Qali u Triq il-Pitkali. Hu tkellem b'dan il-mod għax ħass li qegħdin imorru ħafna laqgħat imma mbagħad qisu xejn ma jitkompla u jitlesta bħal eżempju l-laqgħa li saret mal-Ministeru ta' Aaron Farrugia. Dan kollu qalu biex forsi wieħed jitkellem fuq il-wijers imdendla biex jibdew isiru *culverts*. Is-Sur Cordina qal li wieħed irid joqgħod attent għax meta jintalbu dawn it-tip ta' proġetti normalment ikunu a spejjeż ta' min qed jibni jew jirranġa djar personali. Fil-fatt kumpaniji tat-telefonija u internet diġà bdew jinvestu f'din l-infrastruttura imma kollox bil-mod. Il-Perit Schembri saqsa jekk forsi jistax isir kuntatt ma' Kunsilli oħra u jiftehmu magħhom u l-wijers jiġu organizzati.

  L-aħħar kumment tiegħu kien li l-Enemalta hemm riġenerazzjoni ta' enerġija hemm u hija tajba imma l-prodott finali kif qed jasal għand il-konsumatur għad hemm diversi problemi minħabba l-organizzazzjoni tad-distribużżjoni. Hu kompla jgħid li issa iktar minn qabel il-bidla fil-vetturi li jaħarqu l-fuwil għall-elettriku se tkun waħda drastika u mhux se nkunu preparati għall-qabża għax id-distribuzzjoni mhix qegħda sew. Għal din il-qabża ta' kwalità irid isir proġett bħal Power Station biex jissupplixxu biżżejjed elettriku għad-domanda.

  Is-Sur Cordina qal li bl-iżvilupp u r-rata tiegħu l-infrastruttura qed tinbidel kuljum u ħafna drabi qed isiru toroq u jerġgħu jinqalgħu drenaġġi biex ilaħħqu mad-domanda. Il-Perit Schembri qal li jekk mhux se jsir xi ħaġa fl-10 snin li ġejjin mhux se jkun hemm biżżejjed provista għad-domanda.

  Is-Sur Cordina talab lill-Perit Giorgio Schembri jipprepara proposta biex tiġi preżenta Reġjun bil-punti ta' x'għandu jsir bi preparazzjoni għall-infrastruttura tat-tliet snin li ġejjin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li follow ups għall-laqgħat li kien ikollhom isiru minnha u s-Sur Cordina fejn jaqbdu parti parti u jsegwu mill-viċin bħal eżempju bħalissa kienu f'kuntatt mal-Infrastructure Malta biex jaraw meta se jitlestew l-affarijiet pendenti li fadal xi jsiru bħal Triq il-Linja, il-pont tal-Ivory and Co., Triq Victor Vassallo, Triq il-Pikali u x-xogħolijiet ta' Ta' Qali. Qalet li ssemmew il-widien fejn kienu ddiskutew mal-Ministeru ta' Miriam Dalli. L-attività li kellha ssir in konġunzjoni mal-Kunsill fil-fatt kienet saret fis-Sajf, u l-widien li xorta x-xogħol għadu għaddej. Is-Sindku, qal li kien issemma wkoll Ġnien tal-Fuklar. Fil-fatt, kompliet is-Segretarju il-preparazzjoni tat-tender waslet fil-fażi finali u dan daqt joħroġ ukoll. Kompliet tgħid ukoll li la ssemmew il-karozzi wieħed ma jridx jinsa iċ-*charging point* li diġà sar wieħed u qed jiġu pjanati ħamsa oħra.

Il-Perit Schembri qal li ma dan l-*issue* jrid jiżdied il-fatt li mhux kulħadd għandu garaxx u għalhekk se jkun hemm karozzi li jieħdu *charging points* barra u fil-viċin u mhux se jkun hemm biżżejjed għal kulħadd. Hu kkonkluda billi qal li dan għandu jkun *starting point*.

59.4.4 Is-Sur John Bonnici

- Talab biex jittranġa l-parkegg ta' quddiem l-iScotts. Is-Sur Cordina qal li dan hu privat u wisq jibża' li jekk jintervjenu s-sid jiddeċiedi li jtella' ħajt u jintilef mal-40 parkeġġ.
- Talab li jsiru l-marki mal-art u tabelli ta' Triq l-Imdina rigward l-ispeed.

59.4.5 L-Avukat Caruana

- Saqsiet fuq il-magna l-oħra tal-BCRS. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-INDIS m'aċċettawx li ssir fiż-żona industrijali u anka Ta' Qali m'aċċettawx u rrifjutaw. Is-Sur Cordina li kieku jsiru tnejn fl-area tal-iScotts u jkollhom diċenza li ma joħolqux storbju u forsi anka tingħata miżata lill-sid l-art.
- L-Avukat saqsiet ukoll jekk pero' tistax imqar issir waħda Misraħ Kola minħabba li l-anzjani mhux kollha jsuqu u għandhom il-bogħod. Is-Sur Cordina qal li l-idejali jsiru tnejn quddiem Scotts u forsi jħallsu xi miżata bħall-Epic u tal-ħaxix u jkollhom il-post tagħhom u ma joħudulhom ħadd. Is-Sur Cordina qal ukoll li jekk se jsir investiment b'magni ikbar irid ikollok l-ispazju u qed isir kollox nofs kedda bħal ma sar bl-iskart u dħalna fil-ħames xhar. Il-Perit Giorgio Schembri qal li wieħed għandu jikkunsidra talba biex issir relocation jew żewġ magni barra s-Civic Amenity Site. Se tintbagħat għall-kunsederazzjoni lill-BCRS anka ħdejn l-APS Bank.
- L-Avukat Caruana qalet li anka ħdejn il-bins tal-ħwejjeġ ħdejn l-iskola tista' ssir waħda. Is-Sur Cordina qal li wisq probabli tiġi rilokata dik ta' Triq l-Għenba. Il-Perit Schembri qal li qed jintużaw ħafna anka minn barra r-raħal. Ġie deċiż li jkomplu jiktbu sakemm tinstab soluzzjoni ta' rilokazzjoni u post għall-oħra ġdida.

## 59.5 Rapporti: Approvazzjoni ta' Estimi Finazjarji Awditjati

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn issemmew fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn kienet qalet li t-telf se jinżel minn mija u tmin t'elef ewro għall-sittin elf ewro (€60, 318) terġa' tmint elef inqas minn dak li semmiet l-aħħar darba. Qalet li l-loss primarjament kien dovut għal dan li ġej:

*Summary of the main items that decreased the loss by EUR47,940 from the unaudited financial statements (loss of EUR108,258) to the audited ones (loss of EUR60,318):*

| | |
|---|---|
| *Wasteserv – December invoice not included in income of 2022* | *EUR13,346* |
| *Wasteserv – underbilling throughout the year* | *EUR,7,751* |
| *Professional fees included as expenses in the P&L that could be capitalised with the asset:* | |
| *a) Info Centre* | *EUR6,490* |
| *b) Triq il-Mosta* | *EUR2,863* |
| *Overstating of depreciation expense on construction assets* | *EUR7,972* |
| *Overstating of depreciation expense on computer software* | *EUR1,407* |
| *Office lease payments that had to be netted off with lease liability accounted for in prior years rather than shown as an expense in the P&L* | *EUR4,548* |
| ***Total*** | ***EUR44,377*** |

Hi kompliet tgħid li kienu konstantament f'kuntatt mal-Awdituri u daru item item iktar minn darba. Qalet li qed isir sforz biex jittejjeb l-FSI imma li dan mhux *deficit* bi traskuraġġni imma *deficit* li jista' jirrepeti ruħu s-sena dieħla għax qed isiru proġetti kbar u li m'hemmx sparpaljar allura jkun hemm problema ta' cash flow u li normalment ma tistax tipprevjeni milli proġetti jispiċċaw fis-sena kurrenti. Dawn il-FS ġew approvati.

## 59.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 59.6.1 *Diskussjoni Sejħa għall-Offerti Provista u Manutenzjoni Tabelli u Sinjali*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm diskrepanza marġinali fil-prezzijiet meta ġie magħżul l-irħas *bidder.* Hi kompliet tgħid li l-irħas irriżulta li ma setax jgħaddi iktar b'dawk il-prezzijiet li kien tefa' xi sentejn ilu. Qalet li saru xi laqgħat u gew ikkumparati l-prezzijiet ma' ta bidders oħrajn. Fil-fatt uħud mill-prezzijiet ġew ogħal minn ta' bidders oħrajn. Għalhekk hi tat parir li dan it-tender li kien għal sena u li jista' jiġġedded għall-4 snin jerġa' jinħareġ u jkunu regolarizżati.

Kulħadd qabel li ma jiġġedditx.

59.6.2 Tiġdid tat-Telework Agreement tas-Sinjura Yanica Sammut

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sinjura Sammut tiġi għax-xogħol kuljum imma tkun trid tiġbor it-tfal mill-iskola għalhekk tkun tista' tkompli mid-dar sa tmiem il-ħin tax-xogħol. Dan l-Agreement ġie imġedded.

## 59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

59.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċcirkulat l-iskeda tal-pagamenti tard għax baqgħu idaħħlu l-pagament sal-aħħar. L-Avukat Caruana saqsiet fuq xi ħlasijiet ta' Charles Gauci u x'kien jinkorpora. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan kien jinkludi tindif tal-Embankment u l-Akwadott ta' Triq Peter Paul Rubens. Qalet li hemm xi siġar mejtin minħabba li d-*drip irrigation* imqaċċat.

Il-Perit Giorgio Schembri saqsa fuq il-pagament ta' Triq il-Mosta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġew rifużi minn Infrastructure Malta ix-xogħolijiet tal-*culvert* fi Triq il-Mosta u għaldaqstant qed jitħallas il-kuntrattur. Is-Sur Cordina qal li dawn ix-xogħolijiet huma parti minn miljun ewro li nġabu minn Infrastructure Malta.

L-iskeda ġiet approvata bi proponent is-Sur Remigio Bartolo u sekondanta l-Avukat Caruana.

## 59.8 Mozzjonijiet; u

59.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 59.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.23pm u ġiet aġġornata għall-31 ta' Mejju 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 24 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |